MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2015

Numru. 520/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Borg)**

**vs**

**WALTER ZAMMIT**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **WALTER ZAMMIT** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 499748(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fit-2 ta' Gunju, 2004 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zmenijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1. iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija jew manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bejgh tali merkanzija; jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, bejgh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe' basktijiet u accessorji bil-marki tad-ditta Louis Vuitton.
   (Dan bi ksur tal-Artikoli 298(1)(a)(b)(c)(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

2. u aktar talli, fl-istess data u lok, bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bil-ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew il-Ligi ta' Malta.
   (Dan bi ksur tal-Artikolu 298B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

B'hekk hu, Walter Zammit, kiser il-provedimenti tal-Artikolu 9 tal-Kap. 152 (illum Kap. 446 Artikolu 22) meta kkommetta reat iehor wara li nghata sentenza fejn gie lliberat taht kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sentejn, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-26 ta' Settembru, 2002.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna ukoll id-distruzzjoni ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ukoll dak li gie verbalizzat fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2005 fejn il-Prosekuzzjoni talbet zieda fit-tahrika fis-sens li f'kaz ta' htija l-Qorti ghandha thassar il-licenzji jew tissospendi tali licenzji tal-imputat ghal xi zmien hekk kif kontepmlat fl-artikolu 31 tal kap 441 tal-Ligijiet ta' Malta. Rat li dakinhar stess dik il-Qori kif preseduta laqghet it-talba u  l-imputat ha ruhu notifikat bit-tahrika kif korretta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-fedina penali tal-imputat immarkata bhala Dok. KB1 a fol. 16 et sequitur, il-kunsens tal-Avukat Generali datat 28 ta' Gunju, 2004 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens gie mmarkat bhala Dok. KB2 a fol. 20 u estratt mill-att tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok. KB3 li jinsab a fol. 21 tal-Process.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar id-9 ta' Gunju 2015, u dan fil-prezenza ta ' l-avukat difensur tieghu Dr. Tonio Azzopardi.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga' lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza ilha pendenti quddiem din il-Qorti sa mis-sena 2004 meta effettivament l-imputat tressaq il-Qorti quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

Illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet temporanju ta' Assenjazzjoni tal-Prim Imhallef tal-21 ta' April 2014 u in segwitu b'digriet iehor tal-21 ta' Novembru 2014 sabiex din il-kawza tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif preseduta.

Illi din il-Qorti zammet diversi seduti ghall-kontinwazzjoni ta' provi pero' tul din is-sena li din il-kawza instemghet quddiemha ftit li xejn gie registrat progress ghalkemm hija zammet tlettax-il seduta.

Illi ghalhekk minkejja li l-imputat irregistra ammissjoni xorta din il-Qorti ma thossx li ghandha tkun klementi mieghu fir rigward tal-piena stante li huwa hela hin prezzjuz tal-Qorti.

Jigi nnotat li l-imputat meta tressaq il-Qorti fis-sena 2004 gja kellu diversi *convictions* registrati fuq il-Fedina Penali tieghu, u cioe' tnejn u tletin (32) *conviction,* ghalkemm fil-maggor parti taghhom kontravenzjonijiet dwar ksur tal- Ordinanza tat-traffiku ghalkemm kien hemm ukoll xi reati fejn inghata pieni ta' multi u sahansitra anke gie moghti *unconditional discharge* f'zewg okkazjonijiet fis-sena 1992 u fis-sena 2002. L-imputat pero' ma giex akkuzat li huwa recidiv. Jinghad ukoll li l-imputat ma tghallimx mill-passat tieghu tant li rega' spicca il-Qorti u ghalhekk f'dan il-kaz l-ahjar piena tkun dik ta' deterrent.

Ghalhekk din id-darba il-Qorti hija tal-fehma li ghandha timponi piena ta' deterrent bil-ghan li zzomm lill-imputat il-boghod mill-hajja ta' kriminalita' u hu appuntu ghalhekk li ser timponi piena ta' prigunerija sospiza ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 298 (1) (a) (b) (c) (f), 298B, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputat WALTER ZAMMIT hati ta' l-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah dwar l-akkuzi kollha salv dik dwar il-ksur ta' l-*probation*, ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin ai temini tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Fir-rigward ta' l-akkuza l-ohra, u cioe' li huwa kiser il-provediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta,**

**il-Qorti qeghda ai termini tal-Artikolu 23(a) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ mitejn Ewro ( €200).**

Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti rat li fl-atti tal-kawza kien gie nominat Martin Bajada b'digiriet tal-Qorti u dan nhar il-15 ta' Frar 2006 sabiex jispezzjona id-dokument PFK 2 u li l-istess espert ipprezenta r-rapport tieghu nhar l-20 ta' April 2009 u li l-ispejjez inkorsi kienu jammontaw ghal erbgha mija w hamsa w ghoxrin Ewro w wiehed u hamsin centezmu (€435.51) (fol. 115) u ghalhekk tikkundannah ihallas din l-istess multa u konsegwentement tordna lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex jigbor din l-istess somma minnufih.

Oltre dan tordna ukoll li l-oggetti kollha li gew esebiti fil-Qorti mill-allura Spettur Kevin Borg fix-xhieda tieghu fis-seduta tal-15 ta' Frar 2006 immarkati bhala Dok PKB 2 li jinsabu gewwa borza sewda issiggillata jigu distrutti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------